Nru. 1707

TISMIJA TA' TOROQ F'MALTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.10, il-Prim Ministru ordna t-tismija tat-toroq kif speċifikat u indikat hawn taħt.

No. 1707

NAMING OF STREETS IN MALTA


IN exercise of the powers conferred by Subsidiary Legislation 363.10, the Prime Minister has directed the naming of the streets as specified and indicated hereunder.

IL-FGURA

SANZJONAR

Wied komunement magħruf bħala Wied Blandun, indikat fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:


WIED BLANDUN



ĦAL GĦARGĦUR

Spazju rikreattiv mingħajr isem uffiċjali, li jinsab bejn Triq Giovanni Gafà u Triq Gaspare Formica, indikat fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:


SPAZJU RIKREATTIV
IX-XWIEKI



IL-GUDJA

Ġnien li jinsab bejn Vjal it-Torri u Trejqet il-Barunissa, indikat fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:

ĠNIEN
JOHN MARY CALLEJA
EKS SINDKU
1959 - 2023



IL-MELLIEĦA

Ġnien mingħajr isem uffiċjali li jinsab bejn Triq l-Etna u Triq Mons. Franġisk Xuereb, indikat fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:

ĠNIEN ALFRED BORG

FREDU S-SUPERJUR

1947 - 2019



ĦAL SAFI

SANZJONAR

Ġnien mingħajr isem uffiċjali, magħruf bħala Ġnien il-Ħelsien 1979, li jinsab bejn Triq Ta' Amparell, Triq Ananija u Triq it-Torri Ta' Ġawhar, indikat fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:

ĠNIEN IL-ĦELSIEN 1979




ĦAL SAFI

SANZJONAR

Ġnien mingħajr isem uffiċjali, magħruf bħala Ġnien t'Amparell, li jinsab ġewwa Triq Ananija, indikat fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:

ĠNIEN T'AMPARELL



ĦAL TARXIEN
BDIL FL-ISEM
Ġnien, imsemmi uffiċjalment bħala Ġnien Mark Farrugia, indikat fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:

ĠNIEN ĠRAJJIETNA



ĦAL TARXIEN
KANĊELLAMENT

Ġnien Mark Farrugia, ippubblikat fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1051, tad-29 ta' Novembru, 2002, huwa b'dan l-avviż ikkanċellat.

Is-6 ta' Novembru, 2026

Nru. 1708

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
6.11.2026	€115.239	€1.488

6th November, 2026

No. 1708

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Is-6 ta' Novembru, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 257

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

6th November, 2026

POLICE NOTICE

No. 257

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.